# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Erbgha 22 ta' Marzu, 2016

**Talba Nru: 732/15 DMA**

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Bianchi Alessandro**
**ID 450865M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Settembru, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi 'l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici 's-somma ta' elfejn hamsa u ghoxrin ewro u sittax-il centezmu (€2,025.16) liema ammont huwa in konnesjsoni ma' Home Pack €33 fuq l-akkont numru A/C 40099956; mas-servizz ta' telephone bin-numru 21571105 u internet fuq telefon bin-numru DSL-21571105 fuq l-akkont li jgib in-numru tal-akkont A/C 40173301; mas-servizz ta' telefon bin-numru 2157099 fuq l-akkont li jgib in-numru A/C 40098346; 'Bundle Service Agreement Home Pack 33' fuq l-akkont li jgib in-numru A/C 40173301 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti 'mmarkat:

Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont numru A/C 40099956;

Dok IZY3 u Dok IZY4 – prospett u ftehim ghall-akkont numru A/C 40173301;

Dok IZY5 u Dok IZY6 – prospett u ftehim ghall-akkont numru A/C 40098346;

Dok IZY7 u Dok IZY 8 – prospett u ftehim ghall-akkont numru A/C 40173243;

Dok IZY 9 – estratt mir-Registru Elettorali;

Dok IZY 10 – kopja ta' Ittra Ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie 'nterpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Charmaine Wifen ghas-socjeta' attrici li 'kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta' elfejn hamsa u ghoxrin ewro u sittax-il centezmu (€2,025.16) ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' elfejn hamsa u ghoxrin ewro u sittax-il centezmu (€2,025.16) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**